

# L-Orgni Naplitan fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq

**Rosario Mizzi**
*B.Sc. (Hons) Comm. Ther. MA (Ling)*

## Introduzzjoni

Saret kważi tradizzjoni li fil-ktieb tal-festa nagħtu ftit spazju lil xi kurżità jew post partikolari fil-knisja parrokkjali tagħna. Kien xieraq li wara li s-sena l-oħra assistejna għall-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Orgni Naplitan tal-knisja tagħna, din is-sena nitkellmu ftit fuq dan l-orgni u nwasslu t-tagħrif li s'issa għandna fuqu.

## Il-Kor u l-orgni

Il-Knisja parrokkjali tagħna għandha forma ta' salib latin; forma tipika tal-knejjes barokki tas-seklu tmintax fil-gżejjer tagħna. Din il-forma ta' salib taqsam il-knisja f'erba' partijiet; bl-artal maġġur fil-qalba tagħhom. Fil-parti ta' quddiem l-artal insibu l-korsija u hija l-itwal parti tal-knisja. Fil-ġnub tal-artal maġġur insibu żewġ kappelluni; dak tar-Rużarju u dak tal-Agunija - wieħed fuq kull naħa. Il-parti ta' wara tal-artal maġġur insibu l-*Kor*. Il-Kor huwa dak l-ispazju kollu ta' wara l-artal maġġur li jwassal sal-artal Titulari tal-knisja. L-isem il-*Kor* ġej mill-funzjoni ta' dan l-ispazju li kien maħluq propju biex minnu jsir il-kant Liturġiku kif ukoll il-kant u talb li kien isir mill-Kleru, kemm waqt il-liturġija kif ukoll matul il-jum. Meta wieħed iħares lejn il-Kor, f'kull ġenb tiegħu, wieħed jara żewġ gallariji kbar tal-injam skulturat u indurat bid-deheb. Dawn il-gallariji mhumiex ornament tal-knisja, imma f'dik tax-xellug (meta wieħed ikun qed iħares lejn l-artal maġġur – li tiġi n-naħa tal-Kappellun tal-Agunija) wieħed isib orgni tas-seklu tmintax.

L-Orgni, li fl-era barokka nistgħu ngħidu li kien ir-re tal-Instrumenti mużikali, kien l-aktar strument importanti biex imexxi l-kor. Bħala eżempju mill-isbaħ ta' knisja barokka, ma setax jonqos li missirijietna ma jgħammruhiex b'orgni barokk mill-aqwa. Nistgħu ngħidu li dan sar mill-ewwel għax l-orgni kien f'postu qabel mal-knisja kienet ġiet ikkonsagrata.

## L-Istorja tal-Orgni fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq

L-Orgni Naplitan li jinsab fil-kor tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq huwa eżempju ta' Orgni Naplitan tas-seklu tmintax. L-istil barokk lejn l-aħħar tas-seklu tmintax ma kienx qed jaffettwa biss l-arkitettura u l-iskultura f'Malta, imma kien qed jinfluenza anke l-mużika, b'mod speċjali l-mużika sagra. Kien għalhekk li ħafna knejjes barokki li kienu qed jinbnew lejn l-aħħar tas-seklu tmintax kienu qed jiġu mgħammra b'orgnijiet miġjuba ħafna drabi mill-Italja, b'mod speċjali minn Napli. Għalkemm kien hawn diversi orgnijiet Naplitani mferrxa fil-knejjes Maltin, ftit eżempji għadhom jeżistu għax il-biċċa l-kbira ġew meqruda jew mibdula b'orgnijiet aktar moderni. L-orgnijiet Naplitani li għadhom jeżistu, barra dan ta' Ħal Għaxaq, insibu l-orgni tal-Gudja li sar c1775[1], l-orgni tal-kunvent Benedittin fl-Imdina li sar 1774[2], orgni li jinsab fil-mużew tal-katidral tal-Mdina u li kien inxtara mill-kappella ta' San Filippu f'Ħal Għaxaq ukoll u li sar c1773[3], l-orgni tal-Katidral tal-Mdina li sar 1774[4] u dak tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi li sar fl-1778[5]. L-Orgni tal-parroċċa tagħna, inbena fis-sena 1769[6]. L-orgni tal-Gudja jinsab fi stat ħażin jistenna r-restawr, filwaqt li tal-Qrendi ġie rrestawrat ftit snin ilu, fil-bidu tas-seklu 21. B'hekk nistgħu ngħidu li l-orgni ta' Ħal Għaxaq huwa l-eqdem orgni Naplitan li għadu funzjonanti fil-gżejjer Maltin.

Għalkemm ma għandniex informazzjoni ċara tad-ditta li bnietu, hemm probabiltà li dan l-orgni nbena minn Domenico Antonio Rossi[7]. Dan l-orgni huwa rigal lil knisja, li kienet għadha qed tinbena, mill-qassis Għaxqi Dun Marcell Mallia, ħmistax-il sena qabel il-konsagrazzjoni tal-istess knisja.Għalkemm l-iskrizzjoni fil-kamra tal-orgni ssemmi d-data tal-1769 u ssemmi biss lil Dun Marcell, nota fl-inventarju tad-djoċesi tal-1769 f. 306 tgħid li l-orgni tħallas minn Dun Marcell u ħuh Giuseppe. L-istess nota tikkonferma li l-orgni nġieb minn Napli flimkien mal-kaxxa ndurata u li dan l-orgni ġie jiswa 600 skud[8].

Però l-aħwa Mallia ma kinux weħidhom f'din l-opra. Fl-istorja kien imdaħħal Għaxqi ieħor. L-aħwa Mallia ħarġu l-flus, waqt li qassis Għaxqi, Dun Ġwann Maria Zammit, ħadem biex dan l-orgni jiġi ikkummissjonat mill-aqwa ditti ta' żmienu. Dan Dun Ġwann kien involut fix-xiri tal-orgnijiet tal-Gudja, Ħal Għaxaq, Ħal Luqa, il-kappella ta' San Filippu f'Ħal Għaxaq u orgni ieħor għall-użu personali tiegħu. It-tnejn tal-aħħar kienu nxtraw mill-Katidral

tal-Mdina u llum jagħmlu parti mill-kollezjoni tal-Mużew tal-Katidral tal-Mdina[9].

Dun Ġwann kien magħruf sewwa fi żmienu bħala organista u restawratur famuż[10]. L-orgni tal-parroċċa ta' Ħal Għaxaq kien tant suċċess, li l-kapitlu tal-Katidral tal-Mdina qabbad lill-istess Dun Ġwann biex jikkummissjona orgni ġdid għall-Katidral tal-Imdina u xtaqu li dan l-orgni jkun jixbah lil dak tal-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Dun Ġwann kien imqabbad jitla' Napli biex jassisti personalment ix-xogħol fuq l-orgni tal-Katidral sa mill-bidu tiegħu u anke ħa ħsieb li jara li l-orgni jasal Malta u jinbena kif suppost fil-Katidral[11]. Għal dan ix-xogħol, Dun Ġwann irċieva 185 skud[12] u 200 skud[13]. Huwa ħasra li fir-raħal tagħna ma nsibu l-ebda triq imsemmija għal dan il-qassis Għaxqi li fi żmienu għamel tant isem fil-qasam mużikali.

Lura għall-orgni ta' Ħal Għaxaq. Dan l-orgni huwa eżempju ta' *pipe organ* (bil-Malti 'orgni tas-sfafar') u fih 27 suffara fuq quddiem, maqsuma fit-tliet settijiet ta' disgħa. Għandu 47 tassella (*keys*) manwali u għaxar tasselli bil-pedali[14]. Sfortunatament, mal-medda taż-żmien, saru diversi interventi fuq dan l-orgni. L-ewwel wieħed sar fl-1771, sentejn biss wara li ġie mżanżan. Dan l-intervent sar minn Pietro Santucci, organista famuż ieħor minn Sirakuża fi Sqallija, imma li kien joqgħod il-Belt Valletta. Mhux ċar għalfejn sar dan l-intervent tant bikri. Skont kuntratt li nstab fl-atti nutarili ta' Pietro Paolo Laferla, dan l-intervent kien wieħed kbir u kien jinkludi saħansitra li jiżżarma l-orgni u jerġa' jinbena f'qafas ġdid. Dan l-intervent ikkummissjonat mill-Kappillan Dun Tumas Mamo ġie jiswa 150 skud[15]. L-istess kuntratt tan-Nutar Laferla jiddeskrivi t-tibdil li kellu jsir, imma mkien ma jissemma li qed jinbidlu partijiet bil-ħsara. Għalhekk jista' jagħti l-każ li dan it-tibdil sar meta saret il-gallarija tal-injam li għadna naraw illum u t-tibdil kien neċessarju biex l-orgni jkun jista' joqgħod fiha. Però din hija biss teorija u wieħed irid jistenna li nsibu evidenzi ġodda.

Interessanti li wieħed jinnota li l-orgni huwa wieħed, imma fil-kor naraw żewġ gallariji biex iżommu s-simetrija fid-dekorazzjoni tal-Kor. Wieħed bilkemm jinnota li l-gallarija tal-lemin (tan-naħa tar-Rużarju) hija biss kopja tal-injam tal-faċċata tal-orgni u tagħti l-illużjoni ta' żewġ orgnijiet flok wieħed.

Barra l-intervent dokumentat tal-1771, kien hemm diversi interventi oħra mhux dokumentati li wasslu biex l-orgni li għandna llum jitlef ħafna mill-materjali u forsi anke l-għamla oriġinali tiegħu[16]. Matul is-snin 2014 u 2015 sar restawr estensiv fuq dan l-orgni minn Robert Buhagiar għas-somma li laħqet is-36,000 ewro. L-Orgni kien ġarrab diversi ħsarat matul iż-żmien u kienu saru diversi interventi li ma kinux fidili mal-oriġinalità tal-orgni. Għalhekk l-għan prinċipali ta' dan ir-restawr kien li jerġa' jqarreb lejn l-oriġinalità tal-orgni billi tneħħew interventi preċedenti li ma kinux fidili mal-materjali oriġinali u nbidlu b'materjali u partijiet replika tal-oriġinali. Fuq kollox dan l-intervent ta' restawr wassal biex dan l-orgni jerġa' jiffunzjona, jieħu l-ħajja u jerġa' jilħaq l-iskop oriġinali li għalih kien inħoloq, dak li jsebbaħ it-tempju tagħna u l-liturġija permezz tal-leħen maestuż tiegħu.



*L-orgni waqt il-proċess tar-restawr fejn jidhru s-sfafar kollha żarmati*

### Il-preżent u l-futur ta' dan l-orgni

Nhar il-25 ta' Settembru 2015 ir-restawr tal-orgni ġie inawgurat permezz ta' kunċert fuq dan l-istess orgni u kulħadd seta' jerġa' japprezza l-leħen melodjuż li mela l-knisja tagħna. L-eqdem orgni Naplitan tas-seklu tmintax funzjonanti fil-gżejjer Maltin reġa' sab l-apprezzament tiegħu ftit xhur wara meta kien magħżul biex ikun parti mill-*Malta International Organ Festival*. Fil-fatt, nhar l-4 ta' Diċembru 2015, dan l-orgni kellu x-xorti jkun wieħed mill-orgnijiet li ndaqq f'dan il-festival prestiġjuż li kull sena jiġi organizzat f'Malta.

Il-Knisja Parrokkjali tagħna serviet bħala kuntest mill-isbaħ għal dan l-orgni li ndaqq b'maestożità mill-aqwa mill-Organista Russa ta' fama internazzjonali Evgenia Krivitskaya li rnexxiela toħroġ il-leħen maestuż ta' dan l-orgni. Hija ħasra, u forsi tal-mistħija, kif dakinhar l-Għaxqin fil-knisja tagħhom stess kont tgħoddhom fuq id waħda, filwaqt li tara l-barranin jitpaxxew u japprezzaw dan il-ġojjel li għandna fil-knisja tagħna. Ħasra wisq akbar li wara dakinhar, dan l-orgni bilkemm reġa' ntmess, ħlief biex xi ħadd neħħielu l-leġiju, ma jmurx jitgawda s-sena kollha. Jista' jkun li l-orgni elettroniku spiċċa ħadlu ftit postu, forsi għax huwa aktar komdu.

B'dieqa jkolli nispiċċa dan l-artiklu bil-frażi Maltija, "biskuttelli f'ħalq il-ħmir". Bħal ħafna opri oħra li għandna fil-knisja tagħna, nispiċċaw ma napprezzawx li ta' qabilna kienu pijunieri f'pajjiżna biex żejnu dan it-tempju bl-isbaħ u l-aqwa opri u minflok napprezzaw, nispiċċaw kważi narmu dak li għandna. Ejja ndaħħlu ftit sens ta' kburija b'dak li għandna u nwassluh għand uliedna ftit aħjar milli rċevejnieh. Jalla dan l-orgni tant prestiġjuż nisimgħuh aktar waqt il-liturġija biex leħnu jimla t-tempju b'tifħir lil Alla u l-qaddisin li tant inħobbu.

**Referenzi**


1 Agius Muscat, H. & Buono, L. 1998 Old Organs in Malta and Gozo. Malta: Media Centre Publications
2 Ibid
3 Ibid
4 Ibid
5 Ibid
6 ACM, Inventario della diocesi, 1769, f.306
7 Agius Muscat, H. & Buono, L. 1998 Old Organs in Malta and Gozo. Malta: Media Centre Publications
8 ACM, Inventario della diocesi, 1769, f.306
9 Agius Muscat, H. & Buono, L. 1998 Old Organs in Malta and Gozo. Malta: Media Centre Publications
10 Ibid
11 Arkivju tal-Minuti Kapitulari tal-Katidral tal-Imdina, Vol 13 (1771-1775) f.281
12 ACM, Depositeria Vol 25 (1772-1774) f.279
13 Atti tan-Nutar Salvatore Vitale, 709/81 ff. 584-586
14 Agius Muscat, H. & Buono, L. 1998 Old Organs in Malta and Gozo. Malta: Media Centre Publications
15 NAV, Pietro Paolo Laferla, R318/3 ff.12-13
16 Agius Muscat, H. & Buono, L. 1998 Old Organs in Malta and Gozo. Malta: Media Centre Publications



